*Kunsill Lokali Marsaskala*
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala

## IS-SEBA LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 77**

**It-Tnejn 29 ta' Ottubru 2018**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala ltaqa' fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 228 Triq is-Salini Marsaskala fis-6:00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
Desiree Attard – Viċi Sindku
Charlot Mifsud – Kunsillier
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Charlot Cassar-Kunsillier
Elizabeth Cassar- Kunsillier
Lawrence Ciantar- Kunsillier
Daniel Spiteri – Kunsillier
Sandro Gatt – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

**77.1** ***Qari tal-ittri ta' apoloġiji:***

**76.1.1** Is-Segretarju Eżekuttiv informa l-Kunsill illi ma kien hemm l-ebda ittra t' apoloġija.

**77.2** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 76 tas-26 ta' Settembru 2018:***

**77.2.1** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar talab biex issir emenda f'paġna 9 artiklu 76.7.9 it-tieni paragrafu għandu jinbidel u jinqara kif ġej.

*''Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi meta tafa r-rata tiegħu ikkomparata mar-rata li tefa l-kuntrattur Karmig u inkluż dawn ir-rati l-ġodda staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv jekk ser jiġi viċin ħafna it-tieni offeta'. Fil-każ li r-rati l-ġodda jiġu għola mit-tieni offerta, allura t-talba tiegħu ma tistax tiġi aċċettata''.*

***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-approvazzjoni tal-minuti kif emendati u l-Kunsillier is-Sinjura Elisabeth Cassar issekondat. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.***

**Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati hemm kif emendati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

- ***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar u l-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri daħlu għal-laqgħa fis-6.10pm***

**77.2.2** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud tkellem fuq paġna 3 it-tieni paragrafu fuq l-*enforcement* li ser jsir fuq l-immanniġjar tal-iskart. Huwa spjega illi minn laqgħa li attenda l-Wasteserv infurmawhom illi ser jkun hemm sorveljazna sabiex jevitaw l-abbużi. Huwa kompla jgħid illi l-boroż bojod tal-organiku mhux bilfors jridu jkunu boroż minn tagħhom imma wieħed jista juza borża bajda jew trasparenti basta jkun jidher x'hemm skart ġol-borża. Huwa qal illi l-kolletturi għandhom direttiva illi jekk jaraw li ġol borża tal-orġaniku hemm skart mormi li mhux suppost, għandu l-obbilgu illi l-borża ma jiġbruhiex u jwaħħlulha *sticker* fuqha.

Is-Sindku qal li ser jkun hemm sorveljanza bejn l-ERA, LESA u l-Puluzija.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa jekk qajjimniex il-problema li qed tinħoloq mill-istabbilmenti tal-ħwienet. Huwa qal li fi Triq Sant'Anna fl-10.00am jkun hemm diġa` boroż barra wara li jkun diġa għadda l-kollettur.

Is-Sindku qal illi ser jkun hemm sorveljanza ukoll fuq tal-ħwienet.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi l-kolletturi li għandhom *scammel* bis-*separator* jistgħu jiġbru l-iskart kontemporanju minkejja li jkun hemm żewġ kollezzjoniet differenti u minn m' għandux is-*separator* jrid l-ewwel jagħmel ġabra mbgħad jagħmel oħra.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal illi Triq l-Iskal importanti li l-ġbir ma jibdiex qabel it-8.00am għaliex tinqala konġestjoni tat-traffikku.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar wera l-preokkupazzjoni tiegħu dwar il-ħin li ser jitbattlu l-boroż tal-*bins* tal-*promenade* meta fil-ġurnata jkun hemm iktar minn kollezzjoni waħda għaliex ser jispiċċa jinġabar tard.

**77.2.3** Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri tkellem fuq paġna 9 ir-raba paragrafu fejn qal li d-dawl fi Ġnien Alfred Debono huwa nofsu lest u qed jixgħel.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li l-globi li ntagħżlu mhux qed jarmu ħafna dawl.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li d-dawl ġie magħżul skond struzzjonijiet min-naħa tal-UIF u wieħed jrid jagħti ċans ukoll li l-bandli jkun mixgħaul kollhu.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li rridu nordnaw it-tabelli li ma jistax jsir logħob bil-ballun, ma jkunx hemm *scooters* u lanqas tkaken ġol ġnien, kif ukoll tabelli li ma jistgħax jsir tipjip.

Il-Viċi Sindku Dr. Desiree Attard staqsiet jekk hemmx problema fuq l-isem tal-Ġnien.

Is-Sindku wieġeb illi applikajna għaliex kien hemm problema li qalulna li dak mhux Ġnien iżda pjazza allura ried jiġi Pjazza Alfred Debono.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal illi l-plakka li kien hemm mwaħħla meta kienet saret l-inawgurazzjoni ta' qabel u għaldaqstant għanda terġa titwaħħal anke jekk mhux f'post prominenti.

Il-Kunsill qabel dwar dan.

**77.2.4** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa fuq paġna 4 paragrafu 76.3.1 jekk il-kuntratt tal-Green MT ġiex iffirmat.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi għalkemm ċempel u bagħat *emails* diversi drabi sabiex jiġi ffirmat dan il-kuntratt, għadu ma ġiex iffirmat.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li irridu nimxu mal-kuntratt li ssottomettew Green Mt u naraw li dan il-kuntratt qed jiġi aderit. Huwa kompla jgħid illi diversi affarijiet li hemm fil-kuntratt għad ma sar xejn minnhom bħal *cameras*, tqassim tal-*leaflets* u anke d-distribuzzjoni tal-boroż il-griżi.

Is-Sindku qal li hemm problema bil-boroż il-griżi.

Il-Kunsill qabel unanimament li niktbu lil Green Mt bin-nuqqasijiet li qed jsiru.

**77.2.5** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 7 paragrafu 76.7.6 jekk iċċekjaniex fuq il-proposta ta' kiosk fil-Bajja San Tumas.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-avukat tagħna iċċekja fuq din l-applikazzjoni u peress li deċiżjoni mil-PA kienet ittieħdet f'Ġunju allura l-Avukata tal-Kunsill kienet tal-parir li ma noġġezzjonawx għaliex kien ikun għal xejn. Madanakollu s-Segretarju Eżekuttiv spjega li l-Kunsill kien oġġezzjona għat-tinda u din ma kienetx inkluża fl-applikazzjoni finali.

**77.2.6** Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt staqsa fuq paġna 8 paragrafu 76.7.7 jekk kienx hemm żvillupp fuq it-talba tal-*petrol station*.

Is-Sindku wieġbu li ma kienx hemm

**77.2.7** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa fuq paġna 4 paragrafu 76.2.3 jekk kellniex risposta fuq il-*master plan għal Marsaskala*.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li ma konniex rċivejna isposta.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li fuq is-simenta ta' faċċata tal-Knisja mhux qed jużawh kif suppost.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi infatti bagħtna ittra legali lil *Lands Department* li l-Kunsill mhux responsabli għal bċejjeċ tal-baħar li jitellaw fuq is-simenta.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li il-bċejjeċ tal-baħar issa spiċċaw jpoġġuhom wara l-pixxina.

Il-Kunsill qabel unanimament illi niktbu lil *Cleansing Department* biex jitneħħew il-biċċiet tal-baħar minn wara l-pixxina.

**77.3** ***Komunikazzjoni mis-Sindku:***

**77.3.1** **Bicycle Stations (35/4283/18/I):**

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera illi l-Kunsill taż-Żejtun għaddej bi pjanijiet li jippromwovu l-użu tar-rota fil-komunita` u għaldaqstant qed jitolbu lil Kunsill tagħna jekk hux interessati li nissieħbu f'din l-inzjattiva u nipproponu *bycle stations*.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri wera l-interess li jkun responsabbli fid-diskussjoniet ta' din l-inizjattiva.

Il-Kunsill qabel unanmament li nissieħbu f'din l-inizjattiva u li l-*bicycle stations* u għandom jsiru quddiem it-Tiffany's, Żonqor, quddiem is-Summer Nights u fil-Bajja ta' San Tumas.

**77.3.2** **Karozzi tal-elettriku:**

Is-Sindku informa lil Kunsilliera illi kellhu laqgħa ma kumpanija GO 2 fejn spjega illi din il-kumpanija għaddejja b'kampanja fejn jkollok *city cars* jaħdmu bl-elettriku fejn ikunu pparkjati fuq ic-*charging point* li diġa hemm fil-lokal fejn wieħed jista juża din il-karozza biex jmur minn lokalita` għal l-oħra bi ħlas.

Il-Kunsill qabel ma din l-inzjattiva u qabel illi iżiedu c-*charging point* ħdejn il-Kunsill, ħdejn il-Waterline, Żonqor u ħdejn il-pixxina.

**77.3.3** **Bonġu Bus fil-lokalita tagħkom:**

Is-Sindku spjega bil-proposta ta' Danusan rigward din il-bonġu bus, fejn dawn jduru l-lokalita` b'xarabank sabiex ixandru l-*breakfast show* u wrew l-interess li jiġu fil-lokalita` tagħna.

Il-Kunsill qabel unanimament li ssir laqgħa magħhom.

**77.3.4** **Applikazzjoni PA 8221/18 Triq Vittorio Cassar:**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi dan l-applikant tefa applikazzjoni sabiex jemenda r-raba sular u jibni żewġ sulari oħra. Huwa qal li bħala Kunsill tfajna oġġezzjoni fuq il-bażi illi jiġi aderit il-pjan lokali.

Il-Viċi Sindku Dr. Desiree Attard qalet li hija talbet li din titressaq għal laqgħa tal-Kunsill minħabba li diversi residenti kelmuha fuq din l-applikazzjoni

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li meta jkun hemm każ bħal dan l-aħjar ħaġa hija li r-residenti jaqbdu Perit u jmexxijhom hu. Min-naħa tal-Kunsill, huwa diġa` issottometta oġġezjoni

**77.3.5** Il-Kunsillier Lawrence Ciantar qal illi l-binja li hemm iwaqqa fi Triq ix-Xatt ħdejn il-*Brighton* ilha inwaqqa u tinsab ta' periklu. Kien ukoll qed jkun hemm ħafna ilma li qed jispiċċa ilma qiegħed.

Il-Kunsill qabel li nibgħatu lil *Buidling Regulations Office* u lil *enforcement section tal-PA*.

**77.3.6** **Data tal-Bibita 2018:**

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera illi l-Bibita` ser issir Villa Sant'Anna nhar is-Sibt 28 ta' Diċembru, filwaqt li l-Kunċert tal-Milied ser jsir nhar l-Erbgħa 12 ta' Diċembru 2018.

**77.3.7** **Ħsara fil-mollijiet u l-blat li tfarrak waqt il-maltemp:**

Is-Sindku qal li saret ħsara estensiva fuq diversi mollijiet u blat madwar il-kosta minħabba l-maltemp.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li rappreżentant minn TMalta nfurmawh illi hemm żewġ applikazzjonijiet sabiex jissewwew il-mollijiet ta' Triq San Ġorġ ta ħdejn id-dar il-ħamra.

**77.3.8** **Bżonn ta' patching fil-lokal:**

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li hemm bżonn li jsir *patching* speċjalment Triq La Sengle l-aħħar biċċa, Triq il-Blajjiet minn ħdejn il-binja li qed tinbena sa ħdejn l-iskips u biċċa fi Triq tal-Gardiel.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi nridu nerġgħu noħorġu is-sejħa għax ħadd ma issottometta offerta fis-sejħa li ħriġna ftit taż-żmien ilhu.

**77.4** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera:**

**Ma kienx hemm mistoqsijiet.**

**77.5** **Rapporti:**

**77.5.1** **Approvazzjoni tar-Rapport ta' kull kwart Lulju sa Settembru 2018:**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega r-rapport ta' kull kwart.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi fadal allokazzjoni ta' €25,000 fuq il-*Parks and Gardens* li mhux ser jintużaw u għaldaqstant għandna nużawom fuq il-proġett tal-*Measure 4* tisbieħ ta' Ġnien Sant'Anna u issir il-kurduna kollha ta' dan il-ġnien.

Il-Kunsill qabel unanimament.

***Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantaripppropona l-approvazzjoni tal-minuti u l-Viċi Sindku Dr. Desiree Attard issekondat. Il-votazzjoni kienet 9 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.***

## 77.7 Korrispondenza

### 77.7.1 Talba għal-kumpens rigward spejjeż fuq Vettura DBX171 fl-14 t'Ottubru fi Triq tal-Gardiel:

Is-Sindku qal illi is-Sinjura Briffa ġarrbet ħsara fit-tyre tal-karozza minħabba ħofra li kien hemm fil-bidu ta' Triq id-Daħla ta' San Tumas. Il-klejm huwa ta'€ 49.03

Il-Kunsill qabel unanimament illi jingħata rimbors ta' 70% fuq il-ħsara li ġarrbet.

### 77.7.2 Ikla tal-Milied:

Il-Kunsill qabel li l-ikla tal-Milied tal-Kunsilliera u l-istaff tkun nhar il-Ħamis 20 ta' Diċembru 2018.

### 77.7.3 Korrispondenza dwar il-Yacht Marina 35/4081/18/O u 35/4079/18/I:

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsilliera bil-korrispondenza li bagħtulna tal-*Yacht Marina* u qal li s-simenta quddiem il-Knisja ser tibqa vakanti.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa sa fejn ser tibqa ħierġa.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li għad ma għandiex informazzjoni.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri wera il-preokkupazzjoni tiegħu fuq il-kwalita` tal-ilma baħar li jispiċċa ma jibqax tajjeb għal għawm.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal li fl-opinjoni tiegħu huwa diffiċli biex jkollok *Yacht Marina* u kwalita` tajba ta' ilma baħar għal għawm.

Il-Kunsill qabel li jiddiskuta aħjar din il-materja la jkollu iktar informazzjoni.

### 77.7.4 Stima għal possibilta` ta' attivita` tal-Milied f'Marsaskala:

Is-Sindku qal li *Leon Promotion* qed jitolbu sabiex jtellaw attivita` tal-Milied fejn dawn ser jieħdu ħsieb il-palk u l-kantanti għal-prezz ta' €750.00

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ma jarax għalfejn għandna nżiedu aktar attivitajiet.

Il-Kunsill qabel li din l-attivita` ma ssirx minħabba li ser jkollna attivitajiet oħra.

❖ Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa fuq id-dawl tal-Milied.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi Wasteserv ikkonferma u l-MTA għad jridu jagħtuna risposta.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li dawl huwa l-istess kull sena u t-tiżjien huwa antik.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Cinatar qal li nistgħu noħorġu kwotazzjoni għad-dawl tal-Milied.

Is-Sindku qal li qed naħdmu sabiex din is-sena nagħmlu siġra tal-Milied fuq il-*bridge*.

**77.7.5** **Talba mingħand is-Sur Doublet rigward il-bastiment mogħti lill-Kunsill:**

Is-Sindku qal li is-Sur Doublet sid il-bastiment li kien tagħna dan il-bastiment u poġġejnih fi Triq id-Daħla ta' San Tumas meta kien tagħna l-bastiment kien għad kellhu il-licenzja valida u ma tħalsietx u għaldaqstant qed jitlobna sabiex inħalsu l-liċenzja aħna li tammonta ta' €179.40

Il-Kunsill qabel unanimament li nħalsu l-aħħar liċenzja aħna.

**77.7.6** **Informazzjoni dwar ġbir ta' skart organiku:**

Dan il-punt ġie diskuss diġa f'punt 77.2.2.

**77.7.7** **Korrispondenza mingħand is-Sur Fava rigward Zonqor Playingfield:**

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera illi t-tabelli sabiex ma jsirx storbju ġew ordnati.

**77.7.8** **Sit Pjazza Dun Tarcis Aguis**:

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi waħda mid-dikjarazzjonijiet li kellna nġibu tal-*Measure 4* ta' Ġnien Sant'Anna hija dikjarazzjoni mil-Lands illi mhux ser jwetqu l-ebda proġett sas s-sena 2024 min-naħa tal-*Lands Authority*. Huwa kompla jgħid illi l-*Lands* ma setgħux jagħtuna din id-dikjarazzjoni u issa irridu nistaqsu jekk jistax jtuna dikjarazzjoni peress li hemm il-proġett tal-bini tal-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi rridu naraw li mhux ser jkollna problemi sabiex jinbena l-Kunsill u li ma nitilfux il-fondi. Huwa qal ukoll illi fondi hemm biżżejjed mil-UIF sabiex jifdilna ukoll biex nsibu post adattat biex isir parkeġġ pubbliku għar-residenti.

Is-Sindku qal illi l-fondi ser jintużaw għal-bini tal-Kunsill u wieħed jrid jara fejn jista jsib post addattat għal dan il-parkeġġ.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal illi hawn Kunsilli li għandhom ħafna aktar flus mill-kunsill tagħna tal-UIF u li m'humiex jutillizawhom.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li nistgħu nużaw il-fondi tal-UIF sabiex nagħmlu dawl dekorattiv mal-palm u nallokaw €30,000 biex issir parti.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi bħalissa il-prijorita` tal-Kunsill se tkun il-Miżura 4 u l-bini tal-Kunsill.

**77.8** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskema ta' pagamenti:**

**77.8.1** Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill bl-*invoices* li daħlu tard u ser jippreżenthom waqt il-laqgħa:

| Kreditur | Deskrizzjoni | Nru tal-Invoice | Ammont |
|---|---|---|---|
| ABT Hotels and Catering Services Ltd | Urinal blocks | 31697 | €157.18 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Wasteserv | MSW Waste September 18 | 84421, 84366, 84623, 84687 | €6169.67 |
| Perit William Lewis | Professional fees embellishemnt in Gnien Zonqor | 186/18 | 849.72 |
| Perit William Lewis | Professional fees Maitnenance of pavements | 184/18 | €85.10 |
| Enzo Cachia | Proof readind | | €256.00 |
| Eco pure ltd | Water | 755609 | 12.90 |
| Toni's Wines and Spirit | Beverages | S30644 | 121.65 |

***Il-Kunsillier is-Sinjura Elizabeth Cassar ipproponiet l-awtorizazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur charlot Mifsudt issekondat. Il-votazzjoni kienet 9 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni***

**77.9 <u>Mozzjonijiet:</u>**

**77.9.1 <u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- is-Sur John Baptist Camilleri: (#172 – 19/9/18)</u>**

*"Jipproponi sabiex il-Kunsill jitlob konsultazzjoni mal-Perit sabiex ikun diskuss fid-dettal jekk hux possibli tiġi inkorporata latrina żgħira fil-bandli Alfred Debono, bil-għan li jekk teknikament tista ssir niproċedu bix-xogħol."*

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li ser jkun hemm problema mas-CRPD.

Is-Sindku qal illi għalkemm jaqbel mal-mozzjoni din ser tkun problema.

Is-Segretarju Żekeuttiv qal li bix dan isir hemm bżonn t'applikazzjoni u l-fatt li hemm taraġ ifisser li mhux ser tiġi aċċettata.

Il-Kunsill qabel illi l-lattrini fi Ġnien Alfred Debono ma jsirux.

**77.9.2 <u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- is-Sur John Baptist Camilleri: (#173 – 10/10/18)</u>**

*"Jipproponi sabiex il-Kunsill jitlob konsultazzjoni mal-Perit sabiex ikun diskuss fid-dettal jekk hux possibli tiġi inkorporata latrina żgħira fil-bandli Alfred Debono, bil-għan li jekk teknikament tista ssir niproċedu bix-xogħol."*

Din il-mozzjoni ġiet irtirata

**77.9.3 <u>Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku- Dr Desiree' Attard: (#174 – 10/10/18)</u>**

*"Tipproponi sabiex l-applikazzjoni bin-numru PA/8221/18 tiġi mressqa għad-diskussjoni fil-laqgħa li jmiss, prinċipalment għaliex tidher li taqbeż il-limiti tal-height policy, u għalhekk ikollna noġġezzjonaw għaliha. F'każ li dan ma jkunx korrett naturalment ma naħsibx li jifdal lok biex il-Kunsill joġġezzjona."*

Din il-mozzjoni ġiet irtirata

**77.9.4 Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier-is-Sur John B Camilleri: (#175 – 23/10/18)**

*"Peressli bħalissa għaddejja diskussjoni minn ħafna entitajiet ġewwa Marsaskala kif ukoll qed ikun hemm ħafna residenti Skalin li jinsabu mħassba dwar is-sitwazzjoni tal-kontaminazzjoni ta' l-ilma baħar kemm fil-bajjiet ta' Marsaskala kif ukoll tul il-kosta fejn din ġiet ukoll ikkonfermata li hi kkawżata mill- ikel u l-proċess tal-irziezett tal-ħut mill-istess ERA ftit tax-xhur ilu.*

*A) Jipproponi li l-Kunsill kemm jista jkun malajr jitlob formalment lil ERA u l-awtorita' tal- ippjanar sabiex ma' jinħarġux permessi ġodda għal gaġġeg tal-ħut il-ġewwa miż-żona allokata għal dan il-għan. Din iż-żona kien ġie diskuss u maqbul bejn il-Kunsill u entitajiet ikkonċernati waqt laqgħa ta' konsultazzjoni li kienet saret apposta ġewwa l-Lukanda Jerma waqt il-proċess. Dan japplika ukoll għal kull entita' oħra li hi relatata mall-ħruġ ta dan il-permess, li jinkludu lit-Transport Malta u l-Ministeru ikkonċernat kif ukoll Segretarju Parlamentari Onor Clint Camilleri. Wieħed ifakkar li din iż-żona kellha tkun bejn sitt mili u għaxar mili l-barra mill kosta taż-Żonqor.*

*B) Jipproponi li fid-dawl ta' kif seħħew l-inċidenti fejn il-bajjiet u l-kosta ġew affetwati ħażin ħafna dawn l-aħħar snin jiġu rivokati l-permessi kollha tal-irziezett tal-ispeċi tal-ħut kollha li jinsabu viċin il-kosta u mhux fiż-żona ndikata hawn fuq, min sit mili l-barra.*

*C) Jipproponi illi wara l-inċidenti li seħħew din is-sena meta il-bajjiet u l-kosta kienu kontaminati mill-istess irziezett fejn kien ukoll konfermat min uffiċjali tal-Gvern il-Kunsill jagħmel talba formali sabiex l-istudji li saru jew qed isiru ikunu kkomunikati mall-Kunsill.*

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li hu ilu jissuġġerixxi li ma jinħarġux iktar permessi u filfatt dawn żdiedu iktar. Huwa kompla jgħid li meta l-Kunsill iltaqa mal-*fisheries* qalulhom li dawn ser joħorġu iktar 'l barra u dan ma sarx.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi meta mar għand il-PA għal-infurzar, il-PA infurmawh illi għand il-*fisheries* irridu nressqu l-ilmenti tagħna u mhux għand il-PA.

Il-Kunsill qabel unanimament ma din il-mozzjoni.

❖ Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri nforma lill-Kunsilliera illi ser jsir kors tal-*first aid* għal massimmu ta' 15 applikant u l-Kunsill jissusidja €10 fuq kull persuna.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li l-ewwel irridu naraw jekk hemmx post fit-*training centre.*

Il-Kunsill qabel unanimament li dan il-kors jsir diment li jkun hemm post fit-*training centre*.

❖ Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal li ra barra minn Malta qsari mdendenlin mal-gallariji tan-nies u veru jgħamlu sabih. Huwa qal li jekk niprovdu l-pjanti aħna u nqassmuhom lir residenti ta' Triq ix-Xatt tkun qed issebbaħ ħafna l-ambjent.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din l-inizzjattiva kienu għamilha meta kien Segretarju Eżekuttiv f'Ta Sliema pero` il-problema tiġi fis-sajf meta l-pjanti jinxfu minħabba il-klima ta' Malta.

- Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal illi sid il-ħanut Waffle Master fi Triq ix-Xatt qed jagħlaq il-bankina kompletament.

  Il-Kunsill qabel unanimament li niktbu lil Aworitajiet ikkonċernati.

- Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li huwa tal-opinjoni illi l-parkeġġ quddiem *Corner View* jsir bil-ħin kull siegħa. Huwa kompla jispjega illi minħabba il-bejjiegħa tal-ħaxix in-nies qed jipparkjaw anke ġieli *triple parking* u jkun hemm konġestjoni. Huwa qal illi jekk dan il-parkeġġ jsir bil-ħin allura jkun hemm ċirkolazzjoni.

  Is-Sindku qal li huwa tal-opinjoni illi tal-ħaxix jitpoġġa ġol parkeġġ ta' ħdejn *Corner View*.

**77.10 <u>Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss :</u>**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fit-8.40pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar it-Tnejn 26 ta' Novembru 2018 fis-6:00pm.

Ikkonfermat illum 29 ta' Ottubru 2018.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| _______________ | ________________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| Segretarju Ezekuttiv | Sindku |